**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 58

Data tal-laqgħa: It-Tnejn 18 ta' Settembru 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-5.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ħadd ma kien assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Daniel Mallia – Viċi Sindku

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 58.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

58.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 57

58.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tas-sebgħa u ħamsin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

58.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

58.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia, l-minuti tal-sebgħa u ħamsin laqgħa ġew approvati unanimament.

## 58.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

58.3.1 Is-Sur Dalli nforma lil Kunsilliera b'appuntament li huwa kellu ma' IM dwar il-kumplament tax-xogħlijiet u l-ispejjeż involuti tal-Perit, fit-toroq li kienu mwegħda biex isiru. Huwa qal kif aktar dettalji dwar dan il-meeting ser jingħataw aktar il-quddiem fil-laqgħa.

58.3.2 Is-Sur Dalli nforma lil Kunsilliera b'laqgħa oħra li saret mill-AKL fejn ġie diskuss parkeġġ għar-residenti u timed parking. Huwa qal kif aktar dettalji dwar din il-laqgħa ser jingħataw il-quddiem fis-seduta.

## 58.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

58.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 58.5 Korrispondenza

58.5.1 Is-Sur Dalli tkellem dwar korrispondenza b'numru 334/2023 ' Kuluri tal-Awtizmu'. Huwa qal li l-kunsill jista jkun ta' għajnuna billi jixtri ktieb wieħed u jinżamm il-kunsill bħala għajnuna la jkun għall-bejgħ.

58.5.2 Is-Sinjura Farrugia xtaqet tkun taf dwar xiex titratta korrispondenza nru 345/2023 ' Speed bump request -Triq il-Forn' u s-Sur Zahra xtaqt ikun jaf dwar xiex inhi korrispondenza nru 343/2023 'Pigeon Infestation. Dwar iż-żewġ korrispondenzi s-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kunsill ser ikollu diskussjoni aktar il-quddiem fis-seduta; fil-lista tal-ilmenti u xogħlijiet oħra tal-kunsill.

58.5.3 Is-Sur Dalli tħadded dwar korrispondenza numru 337/2023 bl-isem 'Playground inspection report'. Huwa talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex issir il-manutenzzjoni żgħira li hemm imniżżla f'dan l-inspection report. Din il-manutenzzjoni titratta fuq tranġar żgħir fuq wieħed mill-equipment tal-open air gym u l-carousel tal-bandli għax ftit maħlulha. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tibgħat lil ħaddiema jiċċekkjaw x'hemm eżatt biex tkun tista tittieħed l-azzjoni neċessarja.

58.5.4 Is-Sur Cini staqsa dwar korrispondenza numru 342/2023. Is-Sindku nfurmah kif dik hija korrispondenza bejn il-kunsill, l-AKL u TM, għaliex il-kunsil għadu qed jissielet biex jingħata l-grant mingħand TM talli xtara vann tal-elettriku.

## 58.6 Aġġornament – Sejħa ġdida ta' impjieg għal Skrivan fuq bażi F/T

58.6.1 Is-Sinjura Seguna tat aġġornament lis-Sindku u lill-Kunsilliera dwar l-istadju ta' proċess li wasal fih il-kunsill rigward is-sejħa ta' impjieg miftuħa għal skrivan fuq bażi F/T.

58.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil Kunsilliera kif fl-4 u l-5 ta' Settembru 2023 saru l-interviews lil dawk l-applikanti li applikaw minn Keepmeposted. B'kollox kien hemm 8 persuni li kellhom jiġu intervistati, però minn dawn attendew biss tlieta fl-4 ta' Settembru u waħda fil-5 ta' Settembru.

58.6.3 Għal dawn l-interviews preżenti bħala bord kien hemm is-Sindku Anthony Dalli, il-Kunsillier Calcedonio Cini u s-Segretarju Eżekuttiv Pamela Seguna. Wara li saru l-erba interviews il-bord ikkonkluda li ser jagħti ċans u jagħżel lis-Sinjura Nicolette Mallia biex taħdem fil-kariga ta' skrivan (skale 15) fuq bażi FT. Il-Kunsill unanimament approva din d-deċiżjoni.

## 58.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni biex tinħareġ sejħa ġdida ta' impjieg għal uffiċċjal Eżekuttiv fuq bażi PT

58.7.1 Is-Sinjura Seguna fakkret lis-Sindku u lill-Kunsilliera kif fil-25 ta' Awwissu sar interview lil persuna li applikat. Preżenti waqt dan l-interview bħala bord kien hemm is-Sindku Anthony Dalli, il-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia u s-Segretarju Eżekuttiv Pamela Seguna.

58.7.2 Wara l-interview il-bord ikkonkluda li din il-persuna (Francesco Scicluna) ser tintagħżel biex taħdem fil-kariga ta' Uffiċċjal Eżekuttiv (Skala 13) fuq bażi PT. Il-Kunsilliera kollha approvaw unanimament din id-deċiżjoni.

58.7.3 Is-Sinjura Seguna qalet kif hija għamlet kuntatt ukoll mas-Sur Scicluna fejn ġie nfurmat b'din id-deċiżjoni u huwa ser jibda jaħdem mal-kunsill minn Ottubru 2023.

## 58.8 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

58.8.1.1 <u>Ħatra ta' bord għall-evalwazzjonijiet tat-tenders</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lil Kunsill biex japprovaw tlett persuni darba għal dejjem biex dawn jaġixxu bħala bord għal waqt l-evalwazzjonijiet tat-tenders. It-Tlett persuni huma: Is-Sur Chris Falzon, Dr. Errol Cutajar u s-Sa Romina Periċi Ferrante. Il-Kunsilliera kollha approvaw lil dawn it-tlett persuna biex jaġixxu bħala bord għall-evalwazzjonijiet tat-tenders. Is-Sinjura Seguna kompliet tgħid kif filfatt fil-25 ta' Settembru ser jinfetaħ it-tender tal-istreet lighting u jkollu bżonn jibda jiġi evalwat minnufih.

58.8.2.1 <u>Estenzjoni tal-kuntratt tal-accountant u l-accountant technician</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill kollu li ser ikollu jiġi estiż il-kuntratt tal-accountant u l-accountat technician sal-aħħar ta' Ottubru alissa għaliex dan ser jiskadi fi Settembru u l-proċedura biex jinħareġ tender ġdid għadha mhux komplutha. Filfatt din l-estenzjoni hija meħtieġa sakemm jinħareġ it-tender il-ġdid u jiġi evalwat. It-Tender il-ġdid daqt jinħareġ u bħalissa qiegħed għall-approvazzjoni tad-Dipartiment. Kif jiġi approvat dan jiġi ppublikat minnufih.

58.8.2.2 Is-Sinjura Seguna qalet li però l-accountant biex jibqa sa Ottubru qed jitlob li jitħallas daqsxejn aktar u ta lil kunsill kwotazzjoni bl-ammont ta' €336.30.

58.8.2.3 Il-Kunsill unanimament approva din l-kwotazzjoni u l-estenzjoni tal-kuntratt kurrenti.

58.8.3.1 <u>Talba għal speed hump Triq il-Forn u stop sign Triq Sant Andrija</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv, ressqet żewġ talbiet mingħand residenta biex issir speed hump fi Triq il-Forn fejn ambaxxatur Ġermaniż u biex issir stop sign fl-art fi Triq Sant Andrija. Is-Sinjura Seguna qrat l-imejl li rċieva l-kunsill fid-dettal.

58.8.3.2 Il-Kunsill approva t-talba tal-ispeed hump fi Triq il-Forn però ser jiġi determinat eżatt jekk fejn ser issir mhux ser idejjaq lil ħadd u dwar l-istop sign fi Triq Sant Andrija, is-Sindku qal kif l-aħjar jiltaqgħu mal-uffiċċjal ta' Transport Malta biex itih parir ta' x'inhu l-aħjar li jsir hemmhekk. Il-Kunsilliera qablu. Fl-opinjoni tas-Sindku l-istop hija aktar bżonn issir għal min ġej minn Triq il-Kbira.

58.8.4.1 <u>Problema tal-ħamiem – Talba mir-residenti biex tinstab soluzzjoni għal dan il-ħmieġ</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill kif reġgħu qed iċemplu ħafna residenti minn diversi toroq dwar il-ħamiem u l-ħmieġ li dan jġib miegħu. L-aktar li ċemplu kienu residenti minn Triq Annibale Preca, Triq Sir Ugo Mifsud u Triq il-Forn. L-amministrazzjoni spjegat lir-residenti li ċemplu l-proċedura kollha dwar din il-kwistjoni tal-ħamiem u kif l-

għajnuna li kienet qed tagħti l-Assoċjazzjoni lil kunsilli b'tip ta' għalf apposta, m'għadhix u waqfet minħabba problemi ta' finanzi.

58.8.4.2 Is-Sinjura Seguna kompliet tgħid kif ir-residenti vera ddisprati u qed jitolbu però lil kunsill jagħmel xi ħaġa. Kien hemm min anke tkellem mal-amministrazzjoni u qal li lest li jagħmel tank u l-għalf tal-ħamiem fuq il-bejt tiegħu stess anke jekk hemm xi spejjeż.

58.8.4.3 Is-Sur Zahra tkellem fejn qal kif huwa nnuta li veru l-ammont tal-ħamiem reġgħa żdied drastikament u ma jistax jifhem kif, għaliex suppost bl-għalf li kien qed jingħata dan m'għandux jerġa jipproduċi. Is-Sindku wieġbu kif din il-proċedura però trid iż-żmien biex taħdem.

58.8.4.4 Is-Sinjura Farrugia ssuġġerit lill-kunsill biex jagħmel kuntatt jekk mhux sejra żbaljatha mal-kumpanija bl-isem Fort Pest Control għax hija semgħat li għandhom diversi mezzi kif jeħilsu mill-ħamiem. Hemm xi mezz li jaħdem b'qisu xemgħat. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tiċċekkja dwar dan.

58.8.4.5 Is-Sindku qal kif vera xi ħaġa trid issir imma din mhux problema ta' Ħal Lija biss. Huwa kompla jgħid kif jaf persuna li tifhem fuq dan is-suġġett u ser jitħadded miegħu forsi jista jgħin lil kunsill. Is-Sur Dalli sema ukoll kif il-kitchen Garden f'Attard kien invadut bil-ħamiem u li sar huwa li tpoġġa seqer li bis-saħħa tiegħu il-ħamiem tgerrex. Għalhekk ser jara il-possibilta li ssir xi ħaġa hekk f'Ħal Lija ukoll. Apparti minn hekk huwa qal kif nhar l-Erbgħa li ġej għandu appuntament mal-uffiċċjal li kien imqabbad mill-AKL biex ipoġġi l-għalf apposta fl-irħula. Dan ukoll jaf jagħti soluzzjoni ta' xjista jsir, issa kollox jiddependi mill-ħlas li ser jiġi mitlub iħallas il-kunsill la tinstab soluzzjoni.

58.8.4.6 Is-Sur Dalli qal kif ser jattendi għal appuntament mal-uffiċjal li kien imqabbad mill-AKL u ser jitħadded ma' persuna dwar is-soluzzjoni li jitpoġġi seqer u jerġa jaġġorna lil kunsill kollu.

58.8.5.1 <u>Talba għal mera fi Triq il-Mosta</u>
Saret talba mal-kunsill lokali biex issir mera fi Triq il-Mosta faċċata ta' Triq Preziosi biex min ikun ħiereġ jara l-karozzi ġejjin għaliex vera perikoluża.

58.8.5.2 Il-Kunsill unanimament approva din il-mera u ser ssir l-applikazzjoni ma' TM.

58.8.6.1 <u>Triq il-Forn – Diskussjoni dwar meta tingħalaq din it-triq u l-aċċess għall-vannijiet kbar/trakkijiet</u>
Is-Sindku tkellem dwar Triq il-Forn u l-problemi li jinqalaw biex jgħaddu l-vannijiet tad-delivery kbar jew trakkijiet meta din it-triq tinzerta tkun magħluqa minħabba xi xogħlijiet.

58.8.6.2 Is-Sindku tal-parir li mill-lum il-quddiem kemm il-darba tingħalaq Triq il-Forn, ir-resident/kuntrattur ser jiġi avżat li jrid jagħlaq it-triq bi żewġ gwardjani. Gwardjan minnhom irid joqgħod fi Triq il-Forn l-isfel mill-Ambaxxatur Ġermaniż biex jidderieġi t-traffiku lejn Triq il-Kbira biss u gwardjan ieħor irid joqgħod fi Triq Preziosi biex ma jiġux karozzi minn hemm. Jekk ma jsirx hekk meta jidħlu trakkijiet kbar dawn ser jeħlu fit-toroq dojoq ta' Ħal Lija fejn anke jagħmlu danni fuq il-faċċati tan-nies. Il-Kunsill kollu unanimament qabel li għandu jsir hekk.

58.8.7.1 <u>Sinjal isfar fi Triq Sant Andrija</u>
Is-Sur Dalli qal kif quddiem garaxx partikulari fi Triq Sant Andrija hemm sinjal isfar. Diversi residenti ġibdulu l-attenzjoni li dan il-garaxx m'għadux jintuża u karozza fih m'għadhix tidħol lanqas u allura jipparkjaw, però meta jipparkjaw qed jaqilgħu ċitazzjoni kull darba.

58.8.7.2 Diment li dan il-garaxx qed jingħad li m'għadux jintuża, l-kunsill unanimament qabel li għandu jieħu azzjoni u jiżbaw iswed. B'hekk residenti jkunu jafu li jistgħu jipparkjaw mingħajr biża li ser jaqilaw ċitazzjoni.

## 58.9 Skemi ta' parkeġġi residenzjali

58.9.1 Is-Sindku nforma lil kunsill kollu kif riċenti fl-4 ta' Settembru huwa attenda għall-laqgħa ta' AKL fejn ġiet diskussa l-possibilta li terġa tiġi ntrodottha l-iskema ta' parkeġġi residenzjali. Waqt il-laqgħa tal-AKL ġie varat dan il-proġett li kien ilu miżmum għal xi snin. Il-Kunsilli qed jintalbu biex kemm jista jkun malajr japplikaw għal din l-iskema. Is-Sindku spjega kif waqt il-laqgħa kien hemm xi mistoqsijiet jekk hemmx xi regolamenti dwar din l-iskema, iżda r-risposta kienet li kunsill kull ma għandu jagħmel alissa huwa li japplika.

58.9.2 Għalhekk is-Sur Dalli ta s-suġġerimenti tiegħu lil kunsilliera tal-akwati li fil-fehma tiegħu l-kunsill għandu japplika għalihom biex ikun hemm parkeġġi residenzjali. Is-Suġġerimenti mgħottija kienu:

1. Pjazza Trasfigurazzjoni – il-parti ta' mal-bankina;
2. Triq il-Forn faċċata tal-Mużew tal-bniet sa ħdejn Sqaq nru 1;
3. Parti minn Triq Giovanni Barbara;
4. Triq Giuseppi Cali ħdejn il-grawnd;
5. Triq Ġużeppi Portelli wara l-kitchen Garden;
6. L-akwata tal-Housing Estate;
7. Parti minn Triq Sir Ugo Mifsud.

58.9.3 Is-Sur Dalli qal kif il-parkeġġ f'dawn is-sitt akwati għandhom jkunu timed mill-5:00pm il-quddiem għax filgħodu kulħadd umbgħad imur lejn ix-xogħol, barra Triq Giuseppi Portelli u l-Akwata tal-Housing Estate. Dawn iż-żewġ akwati biss għandu jkollhom timed parking spaces matul il-ġurnata. I-Sur Dalli qal li ser tkun anke qed tintbgħat notifika lin-nies tat-toroq ikkonċernati dwar dawn l-implimentazzjonijiet biex il-kunsill ikun jaf l-opinjonjiet tagħhom ukoll.

58.9.4 Is-Sur Dalli qal kif dawn is-suġġerrimenti u l-kunsilliera jistgħu jżiedu magħhom kemm il-darba jixtiequ. Aktar il-quddiem huwa qal kif il-kunsill irid jaħseb ukoll biex jagħmel timed parking fi Triq Robert Mifsud Bonniċi u Triq Mario Agius, minħabba l-iskola. Pero dawn alissa ser ikunu on-hold.

58.9.5 Is-Sinjura Farrugia u s-Sur Zahra qalu li jaf il-kunsill ikollu xi lmenti mingħand residenti li jiġu jżuruhom it-tfal tagħhom frekwenti u li dawn ma jkunux joqgħodu Ħal Lija, għaliex bi timed parking spaces ifisser li dawn f'ċertu ħin tal-ġurnata ma jkunux jistgħu jipparkjaw kullimkien.

58.9.6 Is-Sinjura Farrugia staqsiet jekk mhux ser isiru timed parking spaces fl-akwata Ta' Senna, għaliex fil-festa jkun hemm problema ta'parking u resident ma jsibx fejn jipparkja. Is-Sindku u l-kumplament tal-kunsilliera qablu li m'hemmx bżonn hemmhekk għax dik hija akwata li mhux frekwentatha minn ħafna barranin u hemmhekk residenti biss jidħlu l-aktar, ħlief dik id-darba waħda fis-sena tal-festa.

58.9.7 Is-Sindku qal kif l-unika problema li qed jara biss hija għal dawk ir-residenti li jużaw il-karozzi tal-kiri, però suppost illum il-ġurnata billi karozza tal-kiri gwardjan għandu t-teknoloġija neċessarja biex jikkonferma jekk din il-karozza tal-kiri mhux qed tintuża minn persuna li joqgħod Ħal Lija jew le. Jekk filkas f'każijiet bħal dawn il-kunsill jista joħloq xi sticker biex din titweħħel temporanja fil-karozza tal-kiri.

58.9.8 Il-Kunsill kollu unanimament qabel mal-lista li ssuġġerixxa s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ser titkellem mal-AKL biex tara kif trid issir l-applikazzjoni.

## 58.10 Aġġornament tal-aħħar seduta ma' Infrastructure Malta

58.10.1 Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv infurmaw lil kunsill kif fl-4 ta' Settembru huma marru Infrastructure Malta biex jitkellmu dwar: (1) Triq Preziosi Sqaq nru 2, (2) il-kontijiet (charges) tal-Perit u (3) d-drawings ta' Triq Merino u Triq Mabel Strickland (4) Ċimiterju ta' Ħal Lija. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-punti li ħejjiet hija stess wara li sar dan il-meeting, fejn dawn il-punti jispjegaw aktar fid-dettal dak li ġie diskuss. Kopja ta' dawn il-punti qed jiġu annessi mal-minuti. Il-Kunsilliera ħadu nota tal-punti mressqa.

58.10.2 Wara li s-Sinjura Seguna qrat il-punti u spjegat dak kollu li ġie diskuss, is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera tkellmu aktar dwar il-pjanti ta' Triq Merino u Triq Mabel Strickland. IM qabel ma tagħti wiċċ ġdid lil dawn it-toroq qed tistaqsi lil kunsill jekk mhux ser iżżom l-istess struttura li għandhom bħalissa dawn it-toroq jew inkella jekk mhux ser isir fihom xi tip ta' embellishment jew tibdil fi traffiku/ parkeġġ etċ.

58.10.3 Is-Sinjura Farrugia qalet li kemm il-darba jista jiżdied il-parkeġġ hija taqbel li l-istruttura tinbidel. Is-Sindku tal-parir li tintbgħat ittra lin-nies fejn dawn jiġu nnotifikati li l-kunsill qed jinnegozja ma' IM fuq l-istruttura tat-triq tagħhom, dwar jekk din għandix tibqa kif inhu jew le qabel ma tingħata wiċċ ġdid u jiġu mistoqsija x'jixtiequ li jaraw huma fit-triq tagħhom jew x'jixtiequ jtejbu. Il-Kunsill kollu unanimament qabel li għandu jsir hekk.

58.10.4 Is-Sindku wara tkellem dwar il-punt li tqajjem anke ma' IM fuq il-periklu li hemm biex wieħed jaqsam għaċ-ċimiterju ta' Ħal Lija. Peress li IM ma tantx tista tieħu azzjoni mir-risposta li hija tat, u minħabba li ċ-ċimiterju jinsab fi Triq Arterjali li taqta taħt ir-responsabbilta ta' TM, is-Sindku ser jerġa jagħmel kuntatt ma' TM. Din id-darba speċifikament ser jagħmel kuntatt ma' uffiċċjal li jaħdem fis-sezzjoni ITSD ta' TM għax ġie nfurmat li din is-sezzjoni għandha x'taqsam ma' talbiet simili.

## 58.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

58.11.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 09/23 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €85.02 għax-xahar ta' Awwissu.

58.11.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 09/23) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kunsillier Joseph Zahra. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku u s-sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 58.12 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

58.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif applikazzjoni alarmanti riċenti ma kienx hemm. Hija nfurmat lil kunsilliera kif il-kunsill fuq parir tat-town planner, ser joġġezzjoni biss għal PA numru 05357/23 – Tal-Villaġġ Bar, Triq il-Forn (*Proposed high tables and stools on pavement, increased pavement width with timber platform and sanctioning of signs on facade and sanctioning of a.c. external unit*). Il-Kunsill unanimament approva li għandha ssir ittra ta' rappreżentazzjoni fuq din l-applikazjoni fuq bażi tal-punti li qajmet it-town planner fi-rapreżentazzjoni tagħha li tibghat kull ġimgħa.

## 58.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

58.13.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

58.13.2 Is-Sindku tkellem dwar it-tibdil fl-ismijiet tat-toroq. Huwa qal kif hemm proposta mill-entita tal-ismijiet tat-toroq li Triq id-Dejqa ma tibqax testendi sa ħdejn il-kappella tas-Salvatur il-Qadim, imma tieqaf eżatt fejn jispiċċa l-isqaq. Il-kumplament lejn il-Knisja tas-Salvatur il-Qadim ma tibqax Triq id-Dejqa imma ssir Triq Merino. Huwa staqsa lil kunsilliera jekk jaqblux ma din il-proposta. Is-Sur Cini qal li jekk ser jinbidlu wkoll in-numri tal-bibien, l-isem iva xieraq jinbidel. Is-Sinjura Farrugia qalet li hija taħseb li jekk din tinbidel in-nies ser ikunu urtati. Is-Sindku qal lil kunsilliera biex jaħsbuha sew u jibgħatu r-risposti tagħhom sa l-għada 19/09/2023.

58.13.3 Is-Sur Dalli ma' punt 58.13.2, kompla jgħid kif il-kumplament tat-tibdil fl-ismijiet tat-toroq l-oħra li kienu diġà ġew diskussi fi seduti preċedenti, deher kollox fil-Gazzetta tal-Gvern u l-Kunsill ordna l-plakek bl-ismijiet tat-toroq il-ġodda.

58.13.4 Is-Sindku qal kif ir-Reġjun Lvant is-sena d-dieħla ser ikun ir-Reġjun tal-kultura. Ir-Reġjun Lvant għalhekk qed jitlob lil kunsilli lokali li jaqaw fi ħdanu biex jinnominaw lista ta' ndividwi mir-raħal li jipprattikaw ċertu snajja' u tas-sengħa tradizzjoni lokali. Ir-Reġjun interessat jiskopri individwi li jippartikaw is-snajja tradizzjonali li ġejjien:

1. Skarpani
2. Bizzilla u Ganutell
1. Ċeramika u Fuħħar
2. Madum ta' Malta
3. Pavaljuni jew Armar tal-festi
4. Gallarija (Naggar)
5. Logħob tan-Nar
6. Furnara
7. Stampatur
8. Pasturi/Bambini
9. xogħlijiet ta' skulturi tal-ġebel

Il-Kunsill jista anke jipproponi nies minn aktar tipi ta' snajja' ukoll apparti dawk mgħottija mir-Reġjun.

58.13.5 Waqt il-laqgħa sissa ġew proposti:

- Ċeramika u Fuħħar – Sunny Gatt
- Pavaljuni jew Armar tal-festa – Aaron Cini
- Logħob tan-nar – Kamra tan-nar San Mikiel
- Furnara – Bonaċi
- Restawratur tal-pitturi – Luca Gatt
- Artisti – Jane Agius u Adele Borg

Is-Sindku qal lil Kunsilliera biex jekk jaħsbu fi aktar jibgħatu imejl lis-Segretarju Eżekuttiv, sa dan it-tant ir-Reġjun jista jiġi nnotifikat b'dawn l-individiwi u l-isnajja tradizzjonali li huma jipprattikaw.

58.13.6 Il-Ħin kien 6:39pm x'ħin ntemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar L-Erbgħa 18 ta' Ottubru 2023 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-5:30pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum L-Erbgħa 18 ta' Ottubru 2023.

IFFIRMAT
Anthony Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Pamela Seguna
Segretarju Eżekuttiv

**IM Meeting 4 September 2023**
**Preżenti waqt dan il-meeting:**
**Mill-Kunsill – Anthony Dalli u Pamela Seguna**
**Minn IM – Emeline Fenech u Noel Vella**
**Agenda imressqa** għal diskussjoni mill-kunsill waqt dan il-meeting:

a) Triq Preziosi Sqaq nru 2
b) Kontijiet tal-perit
c) Pjanti ta' Triq Merino u Triq Mabel Strickland
d) Ċimiterju ta' Ħal Lija

**Punti mqajma dwar (A) Triq Preziosi Sqaq nru 2:-**

- Wara li jlesti minn Vjal it-Trasfigurazzjoni (target li sa Novembru jkun lest), il-kuntrattur tal-kunsill ser jibda billi jaħdem fuq wiċċ ġdid fi Triq Preziosi Sqaq nru 2. Din tkompli mal-estenzjoni tal-kuntratt li diġà hemm fuq Vjal it-Trasfigurazzjoni. Ser jintużaw l-istess kundizzjonijiet biex isir ix-xogħol, b'konferma mingħand ic-CEO ta' IM stess.

**Punti mqajma dwar (B) Kontijiet tal-perit:-**

- Is-Sindku qal li l-kunsill qatt ma ħallas fees tal-perit meta ssir triq. Meta eżempju saret Triq Carmelo Farrugia, il-Kunsill kien għamel din it-triq bil-kuntrattur u l-perit tiegħu u IM ħalset kollox. IM kienet ġentili biżejjed li tat rimborż lil kunsill kemm tal-ispejjeż tal-kuntrattur u anke tal-perit. Il-Kunsill ma jistax jifhem għalfejn f'każ tal-bankini fi Vjal it-Trasfigurazzjoni, il-kunsill irid iħallas il-perit hu.
- Il-Kunsill mill-ftit allokazzjoni tiegħu, m'ghandux biex iħallas kont wara kont li jibgħat il-perit.
- IM baqgħet issostni li dwar il-professional fees tal-perit la l-perit imqabbad mill-Kunsill, il-kunsill irid iħallas dawn il-fees. Dik il-proċedura u hemm klawżola fil-kuntratt li meta x-xogħol jiġi mgħoddi biex isir mill-kuntrattur u l-perit tal-kunsill minn flok dawk tal-IM, il-professional fees f'dak il-każ jridu jitħalsu mill-kunsill. Biex jitħallas minn IM, il-perit jiġi awtomatikament ta' IM u ma jibqax perit indipendenti.
- IM qalet li f'każ li l-kunsill m'għandhux biex iħallas fees tal-perit , jitwaqqaf il-kuntratt li hemm jsiru arranġamenti biex ix-xogħol jinqaleb kollox fuq IM u jsir mill-kuntrattur tagħhom u ċċertifikat mill-perit tagħhom.
- Is-Sindku qal kif għal Vjal it-Trasfigurazzjoni, issa filkas nibqgħu kif aħna, imma għal tranġar ta' toroq oħra l-kunsill le ma jistax jiqba jaħdem hekk u x-xogħol għalhekk ikollu jsir bi kuntrattur u perit imqabbdin minn IM.

**Punti mqajma dwar (C) Pjanti ta' Triq Merino u Triq Mabel Strickland**

- IM qed tistaqsi lil kunsill biex jekk jrid jissottometti pjanti ġodda għat-toroq ta' Triq Merino u Triq Mabel Strickland. IM qalet li dawn it-toroq qiegħdin fil-pjan ta' ħidma biex issiru minn IM però tixtieq tkun taf qabel ma jingħata wiċċ ġdid jekk il-kunsill jixtieqx jibdel l-istruttura ta' dawn it-toroq. Bi tibdil fl-istruttura fissru li pereżempju jkun hemm tibdil fil-parkeġġ li hemm, tibdil fi traffic management, it-triq forsi tiġi pedestrian etc.
- F'dak il-każ, jekk ser ikun hemm tibdil fl-istruttura u d-design tat-triq, il-kunsill hemmhekk żgur bil-perit tiegħu jrid jagħmel għall-ispejjeż tiegħu, pjanti ġodda u jridu jkunu approvati minn TM u umbgħad sottomessi finalment għall-implimentazzjoni ma' IM.
- Is-Sindku qal kif din il-kwistjoni ta' tibdil fl-istruttura taż-żewġ toroq, l-aħjar li jiddiskutiha fil-kunsill li jmiss mal-kumplament tal-kunsilliera. Appenna jiddeċiedi l-kunsill, IM ser tiġi aġġornatha bid-deċiżjoni li jkun agħżel il-kunsill.

**Punti mqajma dwar iċ-ċimiterju ta' Ħal Lija:-**

- Is-Sindku staqtsa lil uffiċċjali ta' IM jekk qadtx sar xi ilment magħhom dwar l-akwata taċ-ċimiterju ta' Ħal Lija meta n-nies jiġu biex jaqsmu ħalli jmorru ġo fih. Dan qiegħed perikoluż ħafna biex taqsam u TM ma tridx tagħmel zebra crossing jew xi ħaġa oħra ta' safety.
- IM qalu dik hija triq arterjali li taqa taħt TM biex tieħu azzjoni timplimenta safety measure esaċċ, biex wieħed ikun jista jaqsam.